31998R0077

14.1.1998 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 8/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 77/98
tad-9 ta' Jannar 1998
dwar ċerti proċeduri għall-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Maċedonja tal-ex-Jugoslavja

Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi l-Kunsill ikkonkluda Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Maċedonja tal-ex-Jugoslavja [1], hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "il-Ftehim";

Billi huwa meħtieġ li jkunu preskritti l-proċeduri għall-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim;

Billi l-Ftehim jistipula li ċerti prodotti li joriġinaw fir-Repubblika tal-Maċedonja tal-ex-Jugoslavja jistgħu jkunu importati fil-Komunità, fil-limiti tal-kwoti ta' tariffa jew limiti ta' tariffa jew fil-qafas ta' kwantitajiet ta' referenza, b'rata ta' dazju doganali mnaqqsa jew ta' żero; billi l-Ftehim diġa jispeċifika l-prodotti eliġibbli għal dawk il-miżuri ta' tariffa, il-volum tagħhom u ż-żieda annwali tal-volumi, id-dazji tagħhom, il-perjodi u kull kriterji ta' eliġibilita; billi l-emendi tan-Nomenklatura Magħquda u l-kodiċijiet Taric u adattamenti kkawżati mill-konklużjoni ta' ftehim, protokolli jew skambji ta' ittri bejn il-Komunità u r-Repubblika tal-Maċedonja tal-ex-Jugoslavja ma jinvolvux bidliet ta' sustanza; billi, fl-interess tas-simpliċita, għandhom għalhekk isiru provedimenti għall-Kummissjoni, assistita mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali, biex tadotta r-regolamenti ta' l-implimentazzjoni li jiftħu u jipprovdu għall-amministrazzjoni tal-kwoti ta' tariffa u limiti ta' tariffa, biex tistabbilixxi sistema ta' sorveljanza statistika Komunitarja għal importazzjonijiet fil-qafas ta' kwantitajiet ta' referenza kif ukoll biex tagħmel l-emendi meħtieġa u l-adattamenti tekniċi għall-Annessi tar-Regolamenti ta' implimentazzjoni;

Billi l-Ftehim jipprovdi għall-Komunità li jkollha l-possibbilta tis-sostitwixxi kwantita ta' referenza b'limitu ta' tariffa ugwali meta l-kwalità ta' referenza tinqabeż; billi f'dawn iċ-ċirkostanzi, għandu jsir provediment għall-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri meħtieġa;

Billi, hekk kif il-limitu ta' tariffa jintlaħaq, il-Komunità tista' tintroduċi mill-ġdid, sa l-aħħar tas-sena kalendarja, id-dazji doganali applikabbli għal pajjiżi terzi rigward il-prodotti kkonċernati; billi, bil-ħsieb li jipproteġu l-interessi tal-produtturi Komunitarji, dawk il-miżuri jistgħu jinħtieġu jkunu adottati fuq skala ta' żmien qasira ħafna; billi l-Ftehim jipprovdi għall-Komunità li jkollha l-possibbilta tissospendi limitu ta' tariffa jekk, matul sentejn konsekuttivi, l-importazzjonijiet ta' prodott elenkat fl-Anness C miegħu kienu inqas minn 80 % tal-volum tal-limitu; billi l-Ftehim jipprovdi wkoll għall-Komunità li jkollha l-possibbilta testendi għal perjodu ta' sena l-limitu jew limiti stabbiliti għas-sena preċedenti jekk ikun ikkunsidrat xieraq li tkun posposta ż-żieda annwali b'5 % tal-volum tal-limitu; billi għandu jsir provvediment għall-Kummissjoni biex tadotta dawk il-miżuri b'mod rapidu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dispożizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 15(2) tal-Ftehim, dwar frat, nagħaġ u mogħoż u ċanga, laħam tan-nagħaġ, laħam tal-mogħoż u ċirasa qarsa, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura li jipprovdi għaliha l-Artikolu 27 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni tas-suq taċ-ċanga u vitella [2] jew fid-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' regolamenti oħra li jistabbilixxu organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli.

Artikolu 2

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1, dispożizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' kwoti ta' tariffa, limiti ta' tariffa u kwantitajiet ta' referenza li jipprovdu għalihom l-Annessi C u D mal-Ftehim u fl-Anness I mal-Protokoll mal-Ftehim dwar arranġamenti kummerċjali addizzjonali għal ċerti prodotti ta' ħadid u azzar, inkluża s-sostituzzjoni ta' kwantitajiet ta' referenza b'limiti ta' tariffa kif

[1] ĠU L 348, tat-18.12.1997, p. 2.

[2] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 24. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2321/97 (ĠU L 322, tal-25.11.1997, p. 25).

jipprovdi għaliha l-Artikolu 15(5) tal-Ftehim, kif ukoll emendi u adattamenti tekniċi li saru meħtieġa b'emendi għan-Nomenklatura Magħquda u kodiċijiet Taric jew ikkawżati mill-konklużjoni ta' ftehim, protokolli jew skambji ta' ittri bejn il-Komunità u r-Repubblika tal-Maċedonja tal-Jugoslavja ta' qabel, għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni, assistita mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali, skond il-proċedura miġjuba fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fuq l-abbozz f'limitu ta' żmien li l-president jista' jippreskrivi skond l-urġenza tal-materja. L-opinjoni għandha tingħata bil-maġġoranza preskritta fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill ikun rekwiżit jadotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-kumitat għandhom ikunu peżati fil-manjiera miġjuba f'dak l-Artikolu. Il-President ma għandux jivvota.

Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri li għandhom japplikaw immedjatament. Madankollu, jekk dawn il-miżuri ma jkunux skond l-opinjoni tal-kumitat, għandhom ikunu kkomunikati mill-Kummissjoni lill-Kunsill minnufih. F'dak il-każ:

(a) il-Kummissjoni tista' tiddifferixxi l-applikazzjoni tal-miżuri li tkun iddeċidiet dwarhom għal perjodu ta' mhux iktar minn xahar mid-data ta' komunikazzjoni tali;

(b) il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fil-limitu ta' żmien li jirreferi għalih il-punt (a).

3. Il-Kumitat jista' jeżamina kull kwistjoni dwar l-applikazzjoni tal-kwoti ta' tariffa, limiti ta' tariffa u kwantitajiet ta' referenza, li titqajjem mill-president jew b'inizjattiva ta' dan ta' l-aħħar jew wara talba ta' Stat Membru.

Artikolu 3

1. Hekk kif il-limitu ta' tariffa jintlaħaq, il-Kummissjoni tista' tadotta regolament li jistabbilixxi mill-ġdid, sa' l-aħħar tas-sena kalendarja, id-dazji doganali applikabbli għal pajjiżi terzi rigward l-importazzjonijiet tal-prodotti kkonċernati.

2. Jekk, matul sentejn konsekuttivi, l-importazzjonijiet ta' prodott elenkat fl-Anness C mal-Ftehim kienu inqas minn 80 % ta' l-ammont preskritt, il-Kummissjoni tista' tadotta regolament li jissospendi l-limitu tat-tariffa in kwestjoni.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta regolament li jestendi għal perjodu ta' sena il-limitu jew limiti ta' tariffa stabbiliti għas-sena preċedenti jekk ikun ikkusidrat xieraq li tkun posposta ż-żieda b'5 % tal-volum tal-limitu tat-tariffa.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Huwa għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim. Dik id-data għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel,fid-9 ta' Jannar 1998.

F'isem il-Kunsill

Il-President

D. HENDERSON